# <u>IL-MAGĦMUDIJA FIT-TAGĦLIM TA' SAN PAWL</u>

Biex neżaminaw it-tagħlim ta' San Pawl dwar il-magħmudija, irid ikollna xi tagħrif dwar il-magħmudija ta' Ġwanni l-Battista u dik Kristjana fil-Knisja primittiva.

### *Il-Kliem għall-Magħmudija*

Il-kliem (il-verb u n-nomi) li Pawlu juża għall-magħmudija, huma bħall-bqija tat-Testment il-Ġdid marbutin mal-verb Grieg '***baptizo***', li jfisser tgħaddas, immersjoni (bl-ingliż '*to baptize*'). In-nomi huma: '***baptismos***', li tfisser magħmudija jew immersjoni u jirreferi għall-azzjoni biss; '***baptisma***', bl-istess tifsira, tirreferi għall-azzjoni mal-effett; '***baptistes***' (battista, għammiedi), li nsibuh biss fil-vanġeli sinottiċi (Mt.3:1; 11:11f; Mk.6:25; 8:28; Lq.7:20,33; eċċ), jingħad għal Ġwanni biss, il-prekursur ta' Ġesù u jrid juri xi ħaġa ġdida u unika fid-dehra tiegħu u fil-ħidma tiegħu li jgħammed lill-oħrajn, fosthom lil Ġesù.

Il-kelma '***baptizo***' hi rari fit-Testment l-Antik. It-test l-aktar importanti hu 2Slat.5:14, meta Nagħman tas-Sirja, marid bil-ġdiem, kien mibgħut jinħasel fil-Ġordan u "***għodos*** *seba' darbiet, bħalma qallu Eliżew*" u ġismu ndaf. F'din il-ġrajja nilmħu ħjiel ta' idejat sagramentali: il-kelma ta' Alla kellha effett ta' qawwa ġdida fuq l-ilma biex twassal għall-fejqan mhux biss tal-ġisem, imma wkoll fejqan interjuri.

### *Il-Magħmudija tal-Battista u fil-Knisja tal-bidu*

Il-magħmudija ta' Ġwanni kellha sejħa eskatoloġika qawwija (Mk.1:4-11 u paral.) u kienet titlob li jagħmlu stqarrija tad-dnubiet (Mt.3:6; Mk.1:5) bħala sinjal veru ta' penitenza jew indiema (***metonoia***). F'din il-magħmudija tal-indiema hemm diġà suġġerita l-idea ta' tisfija sagramentali fiż-żmien li ġej. Iżda dik ta' Ġwanni kienet sempliċement magħmudija bl-ilma (Ġw.1:27; At.1:5), filwaqt li dik Kristjana kellha tkun magħmudija bl-Ispirtu (Mk.1:8 u paral.; At.1:5; 11:16).

Ġesù, li ra l-bidu tal-ħidma kollha tiegħu "*minn żmien Ġwanni l-Battista sal-lum...*" (Mt.11:12), jitkellem minn twelid ġdid "*mill-ilma u l-Ispirtu*" (Ġw.3:6). Aktar tard, il-Knisja tal-bidu kienet tgħammed lil dawk li kkonvertew "*għall-maħfra ta' dnubietkom*" (At.2:38) u kienet tħares lejn il-magħmudija tagħha, li kellha d-distint bħala magħmudija bl-Ispirtu s-Santu (Mk.1:8 u paral.; At.1:5; 11:16).

Il-magħmudija kienet mogħtija f'"*isem ta' Ġesù Kristu*" (2:38; 8:16; 10:48; 19:5; 22:16), u għalhekk min jirċeviha qed iħalli lilu nnifsu fi Kristu medjatur tas-salvazzjoni, bħallikieku propjetà tiegħu. Bil-magħmudija wieħed isir membru tal-komunità ta' Ġesù, il-knisja, li kienet qed dejjem tikber (2:41,47; 5:14; 9:31; eċċ).

### *It-Tagħlim Pawlin dwar il-magħmudija*

Fil-kitbiet tiegħu Pawlu juri li filwaqt li Kristu kiseb is-salvazzjoni oġġettiva permezz tal-ġrajja kollha tas-salvazzjoni tiegħu, imiss lil kull individwu biex b'mod soġġettiv, permezz tal-fidi u l-magħmudija, jidħol biex jieħu sehem f'din il-ġrajja salvifika. Hu juri li l-magħmudija mogħtija f'isem Ġesù tibni relazzjoni bejn il-bniedem u Kristu. Imma meta juża espressjonijiet bħal "***tmut fi Kristu***", "***tqum ma' Kristu***", "***tkun fi Kristu***", "***tilbes lil Kristu***" huwa qed iqawwiha u jinterjorizzaha.

Pawlu jitkellem mill-għaqda sagramentali tan-Nisrani ma' Kristu billi jidentifika lin-Nisrani mal-mewt, difna u qawmien ta' Kristu permezz tal-magħmudija. "*Ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù, tgħammidna* ***fil-mewt*** *tiegħu?* ***Ndfinna*** *miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida. Jekk aħna sirna ħaġa waħda miegħu f'mewt tixbaħ lil tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu*

*fil-qawmien tiegħu mill-mewt. Dan nafu: li l-bniedem il-qadim tagħna ssallab miegħu, biex jinqered dan il-ġisem tad-dnub... Min imut, jeħles mid-dnub. Jekk aħna **mitna** ma' Kristu, nemmnu wkoll li għad ngħixu ma' Kristu*" (Rum.6:3-8). Fl-ittra lill-Kolossin: "***Indfintu** miegħu fil-magħmudija u fil-magħmudija **rxuxtajtu** miegħu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajjmu mill-imwiet. Kontu **mejta** minħabba dnubietkom... Ladarba intom, **bil-mewt tagħkom** ma' Kristu... Jekk intom **irxuxtajtu** ma' Kristu...*" (Kol.2:12,20; 3:1).

Testi oħrajn li jirriflettu l-ġrajja ta' Kristu fin-Nisrani huma dawn li ġejjin: "*...**issallabt** ma' Kristu. Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija*" (Gal.2:19-20); "*Meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu – bi grazzja intom salvi. **Qajjimna** miegħu...*" (Ef.2:5-6).

B'dawn l-espressjonijiet hu qed jgħid li s-salvazzjoni tikkonsisti biss fl-għaqda ma' Kristu l-feddej. Anke għal Pawlu, il-magħmudija tikkomunika d-doni eskatoloġiċi, jiġifieri l-maħfra tad-dnubiet u l-Ispirtu s-Santu. Hu ma jarax salvazzjoni 'l barra mill-komunità ta' dawk mifdija, liema komunità ma tidhirx sempliċement biss bħala għaqda ta' dawk mifdija, imma tirrappreżenta lil Kristu b'mod reali. Din l-għaqda bejn l-Insara Pawlu jxebbaħha ma' **ġisem** għax bil-magħmudija kull membru hu mimli bl-istess Spirtu divin: "*Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spritu wieħed biex nagħmlu **ġisem wieħed**... lkoll xrobna minn Spirtu wieħed*" (1Kor.12:13).

***Metafori battezimali***

Meta l-appostlu jitkellem minn kif il-bniedem kien maħruġ mid-destin traġiku tiegħu u min-naħa l-oħra l-ħelsien tiegħu, nilmħu livell hekk għoli fit-teoloġija tiegħu li hu diffiċli tqabblu jew tissuperah. Hu juża diversi formuli bi stil metaforiku biex ifisser aħjar il-ħsieb tiegħu dwar il-magħmudija.

L-ewwel metafora hija **tal-ħasil bl-ilma**, li Pawlu jispjegaha hekk: "*Imma issa **tnaddaftu**, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna*" (1Kor.6:11). Bil-magħmudija, il-midneb hu mnaddaf mit-tebgħa tad-dnub u fl-istess waqt hu mqaddes u ġġustifikat u magħqud ma' Kristu. Il-magħmudija hi mwettqa taħt l-azzjoni tal-Ispirtu (ukoll 1Kor.12:13). Meta Pawlu jiddeskrivi l-azzjoni ta' Kristu mal-Knisja jgħid: "*... kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha. U dan għamlu biex iqaddisha u **jnaddafha bil-ħasil tal-ilma** u l-kelma...*" (Ef.5:25-27). Kristu naddaf il-Knisja bil-ħasil flimkien mal-kelma. Bħalma l-ħasil bl-ilma jnaddaf, hekk il-magħmudija tnaddaf id-dnubiet u tqaddes lill-bniedem bil-grazzja.

Pawlu juża metafora oħra: **tilbes lil Kristu**. "*Intom, li intom mgħammda fi Kristu, **lbistu 'l Kristu***" (Gal.3:27). Bil-magħmudija l-bniedem jilbes 'il Kristu: ifisser li l-bniedem isir "**bniedem ġdid**" fi Kristu, espressjoni oħra pawlina. Din l-idea Pawlu jkompli jfissirha f'ittri oħra. Hekk "*...għandkom tiġġeddu b'tibdila spiritwali tal-fehma tagħkom u **tilbsu l-bniedem il-ġdid**, maħluq skond Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija tassew*" (Ef.4:23-24), f'opposizzjoni għall-bniedem il-qadim. Fl-ittra lill-Kolossin ikompli jgħid: "*...intom li nżajtu l-bniedem il-qadim bl-għemil kollu tiegħu, u **lbistu l-bniedem il-ġdid**, li jiġġedded dejjem skond ix-xbieha ta' min ħalqu...*" (Kol.3:9-10).

Dan il-paragun bejn il-qadim u l-ġdid, Pawlu jużah biex juri r-realtà ġdida fil-bniedem permezz tal-magħmudija, issa bħala **ħolqien ġdid** (twelid ġdid) fi Kristu: "*Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir **ħolqien ġdid**; il-qadim għadda u daħal il-ġdid*" (2Kor.5:17). Din hi metafora oħra, u għalkemm f'dan it-test mhijiex f'kuntest battezimali, però turi tajjeb dak li jiġri fil-magħmudija. L-istess ngħidu għal dan it-test: "*Għaliex, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma hemm ta' siwi, ħlief **il-ħolqien ġdid***" (Gal.6:15). Pawlu, mela, jitkellem mill-ħajja tan-nisrani, imwieled mill-

ġdid bil-magħmudija, li telimina kull differenzi bejn l-insara, "*għax intom* ***ilkoll ħaġa waħda*** *fi Kristu Ġesù*" (Gal.3:28; ara Kol.3:11). Din ir-realtà ġdida fil-bniedem tagħmel lin-nisrani jipparteċipa fil-ħajja ta' Kristu glorjuż (Rum.6:5,8).

F'rabta mad-duttrina batteżimali, Pawlu jiżviluppa parenesi etika li twassal għall-ħajja etikament attiva bħala nsara: "*ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù*" (Rum.6:11).

Dun Anton Mizzi